MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 172/2010

**Il-Pulizija**
**(Sp Dennis Theuma)**

**vs.**

**Kevin Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Borg ta’ 28 sena iben John u Carmen nee’ Pace mwieled Pieta fis-6 ta’ Lulju 1979 u residenti garage 12 Triq il-Fossili B’Bugia, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 330679 (M)

(a) Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-27 ta’ Frar 2008 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat Kevin Borg talli kiser il-kundizzjoijiet ta’ sentenza datata 4 ta’ Mejju 2007 u moghtija minn din l-istess Qorti fejn huwa kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu izda gie liberat ai termini tal-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ sentejn, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ma kkoperax mal-pulizija u il-fedina penali aggornata tieghu rafrettarja li fiha 22 kundanna li minnhom 9 kundanni huma in konnessjoni ma pussess ta’ xi droga illecita.

Illi jidher li minkejja li dawn il-Qrati taw lill-imputat diveri l-opportunitajiet biex jirriforma ruhu permezz ta’ Ordni ta’ Probation u diversi sentenzi kondizzjonati, l-imputat baqa ma tghallem xejn. Inoltre r-reat odjern sar waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ liberazzjoni kundizzjonata ghal sentejn datata 4 ta’ Mejju 2007 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta. Din is-sentenza sabet lill-imputat hati ta’ pussess semplici tad-droga eroina u ghalhekk l-imputat irid jigi kkundannat ukoll ghal piena ta’ dan ir-reat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija u ghal multa ta’ elf Euro (€1000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta’ Gunju 2012. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------